MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2005

Appell Kriminali Numru. 194/2004

**Il-Pulizija**

**v.**

**Elton Abela**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Elton Abela talli nhar-il 14 ta' Settembru 2004 ghall-habta tas-6:00pm, f'dawn il-Gzejjer waqt li kien qed jaghmel uzu minn 'Route Bus' bin-numru tar-registrazzjoni FBY 729:

i) Naqas milli jieqaf fil-post indikat bhala 'Bus Stop';
ii) Saq l-imsemmija vettura bi speed eccessiv;
iii) Saq l-imsemmija vettura b'manjiera perikoluza;

iv) Saq l-imsemmija vettura b’manjiera traskurata;
v) Illi bi traskuragni ikkaguna griehi involontarji ta’ natura hafifa fuq il-persuni ta’ Barbara Bull u Reihard Klaus Amende.

Il-Qorti giet mitluba tiskwalifikah minn kull licenzja tas-sewqan ghal zmien li din il-Qorti ssib xieraq;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-29 ta’ Settembru 2004 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Elton Abela hati u kkundannatu ghal terminu ta’ xahar detenzjoni;
Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-imsemmi Elton Abela pprezentat fil-11 ta’ Ottubru 2004 li permezz tieghu talab li din il-Qorti (1) tannulla s-sentenza appellata u tordna s-smiegh mill-gdid tal-kawza, (2) alternattivament thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza appellata u minflok tilliberah minn kull htija u piena, jew tvarja biss l-istess f’dik il-parti li tikkoncerna l-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet dwar l-ewwel zewg aggravji ta' l-appellant;

Ikkunsidrat:

Permezz ta' l-ewwel aggravju tieghu l-appellant qieghed isostni li s-sentenza appellata hija nulla peress illi ma gewx osservati r-rekwiziti rikjesti *ad validitatem* mill-artikolu 382 tal-Kap. 9 peress illi ma giex dikjarat ta' liema imputazzjonijiet kien qieghed jigi misjub hati u lanqas ma ssemmew il-fatti li suppost kienu qed jiggustifikaw dik il-kundanna.

L-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali jiddisponi hekk:

**"Il-qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat".**

Il-fatti li l-artikolu 382 jirreferi ghalihom huma l-fatti tar-reat u mhux, kif jippretendi l-appellant, il-fatti li jiggustifikaw il-kundanna ossia l-motivazzjoni. Fis-sentenza appellata l-fatti tar-reat huma effettivament elenkati fil-bidu nett. L-ewwel Qorti mbaghad ghaddiet biex telenka l-artikoli tal-ligi relattivi ghal dawk ir-reati kollha u ddikjaratu hati wara li qalet li kienet semghet ix-xhieda kollha u ezaminat id-dokumenti esibiti. Dak li kellha f'mohha l-ewwel Qorti huwa car, cioe` li kienet qed issib il-htija ghall-imputazzjonijiet kollha peress li ma ghamlet l-ebda kwalifika, u wiehed m'ghandux ghalfejn janalizza s-sentenza biex jipprova jiddetermina ta' x'hiex hija kienet qed issib lill-appellant hati. Certament kien ikun deziderabbli li kieku l-ewwel Qorti ziedet il-kliem "ta' l-imputazzjonijiet kollha" wara l-kelma "hati". Dan in-nuqqas pero` fil-kaz in dizamina ma jrendix is-sentenza nulla. Fis-sentenza citata mill-abbli difensur ta' l-appellant, u cioe` fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Generoso Sammut** deciz minn din il-Qorti kif presjeduta fit-13 ta' Ottubru 2004, is-sitwazzjoni kienet differenti. F'dak il-kaz l-ewwel Qorti "kienet ddikjarat lill-appellant hati tat-'tieni' imputazzjoni biss filwaqt li lliberatu mill-'ewwel' imputazzjoni u minn dik ('ir-raba") li sar recidiv. Dwar it-'tielet' imputazzjoni baqghet siekta: la ddikjarat il-htija dwar dik l-imputazzjoni u lanqas ma lliberat lill-appellant minnha."

Konsegwentement l-ewwel aggravju huwa respint.

Skond it-tieni aggravju tieghu l-appellant jghid li l-ewwel Qorti naqset milli tosserva d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 376(2) tal-Kap. 9 bil-konsegwenza li t-traskrizzjoni tax-xiehda ghandha tigi sfilzata mill-atti tal-kawza.

Minn ezami tat-traskrizzjoni tax-xiehda jidher pero` li din ix-xiehda ttiehdet mill-ewwel Qorti a tenur tal-provvedimenti tal-Kap. 284 (Att dwar ir-Registrazzjoni Elettro-Manjetika ta' Procedimenti) u ghalhekk l-artikolu 376(2) tal-Kap. 9 mux applikabbli.

B'hekk anke dan l-aggravju huwa michud.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-ewwel zewg aggravji ta' l-appellant u tordna l-prosegwiment tal-kawza fil-mertu.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------